# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar, 2021**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1121/19TA**

**Halima Zbat (KI 0025092A)**

**vs**

**Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Onorevoli Julia Farrugia Portelli tas-6 ta' Mejju 2020;

Rat ir-risposta ta' Halima Zbat tat-22 ta' Diċembru 2020;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din il-proċedura;

Semgħet lill-abbli konsulenti tal-partijiet jittrattaw ir-rikors odjern fis-seduta tal-4 ta' Frar 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet fil-miftuħ.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz tar-rikors odjern, l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli qegħdha titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu 2020 fejn il-Qorti ordnatilha sabiex tixhed quddiemha dwar ir-rifjut taċ-Ċittadinanza lill-Attriċi. L-imsemmija qed targumenta li artikolu 19 tal-Kap 188 tal-ligijiet ta' Malta dan ma jippermettihx għaliex speċifikament jiddisponi li "*Il-Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont dan l-Att u d-deċiżjonital-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti*".

Da parti tagħha l-Konvenuta targumenta li għandha dritt tkun taf x'kienet ir-raġuni taċ-ċaħda u dan abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 20 (1) tal-Kap 469 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V u t-Taqsima VI, meta awtorità pubblika tieħu deċiżjoni jew tagħmel rakkomandazzjoni fir-rigward ta' xi persuna eliġibbli, inkluż persuna eliġibbli li tkun qed taġixxi f'isem korp ġuridiku, dik il-persuna għandha d-dritt li tingħata u, wara talba fi żmien sitt xhur minn meta l-persuna ssir taf bid-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, għandha tingħata dikjarazzjoni bil-miktub ta' - (a) il-konklużjonijiet fuq kwistjonijiet materjali ta' fatt; u (b) bla ħsara għas-subartikolu (2), referenza għall-informazzjoni li fuqha kienu bbażati dawk il-konklużjonijiet; u (ċ) ir-raġunijiet tad-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni.*

Fid-dawl ta' konflitt li joħolqu dawn iż-żewġ provvedimenti tal-liġi, l-konvenuta targumenta li Kapitolu 496 tal-liġijiet ta' Malta ġie promulgat wara l-Kapitolu 188 u ġaladarba dan l-aħħar kapitolu tal-liġijiet ma jsalvax il-liġi l-oħra, dan għandu jipprevali.

Jibda biex jingħad li Art. 19 huwa dak li fil-liġi Ngliża jissejjaħ *ouster clause*, *conclusive evidence clause, finality clause* jew formula bl-iskop li tipprojbixxi *judicial review* b'mod ġenerali. Fi kliem id-**De Smith, para 8 - 003**: "Provided it does so 'clearly and expressly' an Act of Parliament may dispense with the requirements of fair procedures where they would otherwise be required…".

Dawn il-Qrati qalu ukoll li "*huwa minnu li l-Qrati Ngliżi f'xi okkażjonijiet interpretaw b'mod restrittiv u xi drabi oħra saħansitra waslu biex jinjoraw din it-tip ta' leġislazzjoni. B'danakollu, f'każijiet ta' liġijiet li jirrigwardaw is-sigurta` tal-Istat hemm probabilita` kbira li dawk il-Qrati jagħtu lill-kliem projbittiv interpretazzjoni litterali. Saħansitra wkoll fejn ma jkunx hemm dawn it-tip ta' normi projbittivi, il-common law Ngliża għarfet li l-esiġenzi tas-sigurta` nazzjonali jistgħu jirrestrinġu l-jedd ta' smiegħ xieraq*" (ara **Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2020, fl-ismijiet Avukat Dottor Alexander Schembri għan-nom u in rappresentanza tal-assenti Sergey Khotulev vs 1. L-Aġenzija Identita` Malta, 2. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura, u Gvern Lokali).**

Minn naħa l-oħra din il-Qorti ma taqbilx li l-Kap 496, għaliex ġie promulgat wara il-Kap 188, ifisser bil-fors, li dan għandu jipprevali. L-argument li dak tal-ewwel huwa wieħed speċjali u li għalhekk bħala tali jidderoga minn dak ġenerali ma hux applikabbli għal dan il-każ. Dan qiegħed jingħad għaliex iż-żewġ liġijiet ma jirregolawx l-istess materja. Biex jingħata eżempju, jipprevalu l-provvedimenti dwar l-emfitewżi kif regolati mill-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta fuq dawk il-provvedimenti dwar iċ-ċnus fil-Kodiċi Ċivili għaliex it-tnejn jirregolaw l-istess materja. Fil-każ tal-Kap 188 jirregola ċ-Ċittadinanza mentri l-Kap 496 id-dritt għall-informazzjoni.

Imma l-Kap 496 ma jagħtix dritt assolut għall-informazzjoni, iżda jeżenta mill-effetti tal-att lista mhux żgħira ta' materji. Il-Qorti tfakkar, li skont artikolu 2 ta' dik il-liġi *"dokument eżentat" tfisser dokument li mhux suġġett għall-iżvelar taħt dan l-Att skont it-Taqsimiet V u VI".* Issa 36.(1) tal-Att jiddisponi li " *Bla ħsara għall-artikolu 35 u għas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att jiżvela materja li għandha n-natura ta', jew li għandha x'taqsam ma', opinjonijiet, pariri jew rakkomandazzjonijiet miksubin, imħejjijin jew reġistrati, jew ma' konsultazzjoni jew deliberazzjoni li jkunu saru, fil-kors tal-proċessi deliberattivi involuti fil-funzjonijiet tal-Gvern jew awtorità pubblika oħra, jew għall-finijiet ta' dawk il-proċessi"*.

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li dak li qed jintalab mingħand il-Ministru hija materja li tax-xorta li l-liġi tikkonsidra bħala materja eżentata. Dan ifisser, li bħala regola ġenerali, informazzjoni ta' din ix-xorta ma tistax

tintalab bħala prova, għax hija aprijoristikament imħarsa mill-liġi li għalhekk tikkwalifika bħala non produċibbli fi proċeduri ġudizzjarji.

F'dan ir-rigward il-Qorti eżaminat ukoll kemm id-digriet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Emmylou Aguilar vs- Ignatius Ciantar et** u kif ukoll dak fl-ismijiet **Enas Sovhy Zaky Ibrahim Attia -vs- Id-Direttur Taċ-Ċittadinanza et**. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan l-aħħar digriet kien jirrigwarda mhux lill-Ministru iżda lid-Direttur taċ-Ċittadinanza. Din il-Qorti tfakkar ukoll li ġiet adita biex tikkonsidra t-talbiet Attriċi fil-kompetenza ċivili tagħha u bħal tali ma għandha ebda triq oħra li ssegwi dak li bl-aktar mod ċar tiddisponi l-liġi li ma tħalli ebda lok għall-interpretazzjoni konsonanti mal-prinċipju *ta' ubi lex non distinguit nec nos distinguire debemus*.

Għalhekk din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qed tilqa' it-talbiet fir-rikors odjern mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra skont il-liġi spettanti lill-Attriċi. Konsegwentement tirrevoka *contario imperio* d-digriet tagħha tal-11 ta' Marzu, 2020 (a' fol 50).

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**